# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April, 2019**

**Rikors Numru : 560/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**Avukat Dr.SFS bħala mandatarju speċjali ta' SP (Passaport T)**
**Vs**
**RM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dr. SFS et, datat 21 ta' Dicembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi permezz ta' document datata hamsa u ghoxrin [25] ta' Ottubru elfejn u tmintax [2018] u legalizzat permezz ta' certifikat tal-Apostille mill-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin tat-T, l-assenti SP appuntat lil Dr.SFS bhala mandatarju specjali fil-proceduri legali f'Malta relatati mad-divorzju. Tali document hawn annessa u mmarkata Dok A.*
>
> *Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta' Gunju elfejn u tnax [2012], kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat dok B, u minn dan iz-zwieg ma kellhom ebda wild;*
>
> *Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti, kien iddikjarat illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli fid-disgha [9] ta' Novembru elfejn u tlettax [2013].*

*Kopja ta' din is-sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok C;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u l-ebda assi in komuni;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg , ezistenti bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RM, datata 18 ta' Jannar, 2019, a fol 14 et seqq., li taqra hekk:

*L-esponenti joġġezzjona għat-talbiet rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*Premessi Preliminari*

1. *Jiġi premess illi huwa minnu illi solitament, dak li seħħ fiż-żwieġ ikun irrelevanti għall-finijiet tal-proċeduri tad-divorzju, iżda l-esponenti iħoss illi l-partikolarità ta' dan il-każ tiddetta li jsir sommarju qasir tas-sekwenza tal-fatti:*

- *Il-partijiet (RM u SP) saru jafu lil xulxin fis-sena 2009;*

- *Meta l-partijiet iddeċidew li jiżżewġu, missier SP talab lill-esponenti iħallas is-somma ta' X, li jiġu madwar €Y , bħala dota, liema somma kienet sservi biex skont it-tradizzjoni T (il-pajjiż mnejn kienet ġejja SP), huwa jiddimostra illi kapaċi jmantniha fiż-żwieġ, liema somma mbagħad kellha tiġi ritornata;*

- *Is-somma tħallset, parti minnha intużat għat-tieġ, u kien fadal €Y li baqgħu għand SP u l-familja tagħha;*

- *Il-partijiet iżżewġu fit-30 ta' Ġunju 2012;*

- *Ftit wara iż-żwieġ, P bdiet tkun vjolenti u abusiva ma' żewġha l-esponenti, u saħansitra, fid-9 ta' Novembru 2013, hija qabdet u ħarbet minn Malta bla ebda preavviż;*

- *L-esponenti stenna kważi sena bit-tama illi l-kwistjoni tissolva, sakemm fil-5 ta' Novembru 2014, preżenta kawża ta' separazzjoni (**RM vs L-Avukat CC noe et –RGM**), li ġiet deċiża fil-25 ta' Frar 2016;*

- *Fis-sentenza, din l-Onorabbli Qorti (diversement presjeduta) ordnat fost l-oħrajn illi l-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu kontra l-konvenuta, b'dana illi b'mod biss proviżorju, l-esponenti kellu jħallas l-ispejjeż tal-kuraturi li kienu qegħdin jirrapreżentaw lil martu (Dok 'A');*

- *L-esponenti ħallas dawn l-ispejjeż kollha ġudizzjarja skont it-Taxxa Uffiċjali tal-Qorti;*

- *Ftit tal-ġranet ilu, ġie notifikat (wara snin ma jisma' mingħand SP), b'rikors fejn fih SP kienet qegħda titlob id-divorzju.*

*Il-fatti kollha jinsabu fl-affidavit illi l-esponenti kien preżenta fil-kawża, liema affidavit, għal kull buon fini, qed jerġa jiġi anness u maħluf mill-ġdid (Dok. 'B').*

*L-Oġġezzjoni*

2. *L-esponenti qiegħed joġġezzjona għat-talbiet tar-rikorrenti SP kif kontenuti fir-rikors odjern, għaliex filwaqt li huwa minnu illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment,* <u>hemm pendenzi</u> *oħra intimament konnessi maż-żwieġ li għadhom ma ġewx magħluqa. Dawn huma:*

   - *L-esponenti ħallas* <u>€W</u> *bħala ispejjeż tal-kawża tas-separazzjoni, u għadu qatt ma ġie rimborsat bihom, minkejja illi l-Qorti ordnat illi l-ispejjeż kellha tħallashom SP (Dok. 'Ċ');*

   - *L-esponenti għadu wkoll ma rċeviex is-somma ta'* <u>€Y</u> *ritornabbli lilu mid-dota minnu mħallsa.*

3. *Ikun għalhekk ferm inġust kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tippermetti lil SP tgħib fl-esteru, tabbuża mill-proċess ġudizzjarju biex minn fuq illi ma ħallsitx tal-anqas l-ispejjeż tal-kawża tas-separazzjoni, titfaċċa issa u tutilizza l-istess kawża tas-separazzjoni bħala l-bażi tat-talba tagħha għad-divorzju. Kieku jsir hekk, jingħad umilment illi din l-Onorabbli Qorti tkun qegħda tippermetti lil SP tieħu vantaġġ mill-fatt illi hija tinsab 'il bogħod ġewwa t-T u virtwalment intraċċjabbli, u tieħu dak li trid (id-divorzju) u l-obbligi tagħha (li tħallas l-ispejjeż tal-kawża) tibqa' ma tonorahom qatt. L-esponenti ma huwiex jagħmel din l-oġġezzjoni b'kapriċċ, iżda miżmum kont tal-fatt illi wara kollox, dawn il-flejjes (l-ispejjeż tal-kawża) huma dovuti bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Qorti (is-sentenza tal-25 ta' Frar 2016 – u allura għandhom is-saħħa ta' titolu eżekuttiv), u kwalunkwe għeluq t'għajn ta' dan il-fatt ikun wieħed li jxejjen deċiżjoni tal-Qorti stess!*

4. *Dwar l-ammont dotali ta'* <u>€Y</u>*, jingħad umilment illi dawn il-proċeduri joffru l-unika possibilità reali u effettiva li qatt jista' jkollu l-esponenti biex flusu jirkuprahom lura, partikolarment fejn huwa virtalment impossibbli għalih illi jesegwixxi kwalunkwe sentenza ġewwa t-T, meta lanqas biss jaf fejn SP tinsab.*

5. *L-ispirtu tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa proprju biex jiġi assigurat illi qabel jingħataw id-divorzju u ż-żwieġ jinħallas, il-partijiet ma jkollhomx aktar kwestjonijiet pendenti finanzjarji bejniethom. Bl-istess mod, huwa wkoll l-ispirtu tal-artikolu 907 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jevita sitwazzjonijiet fejn min ikun moruż fil-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji, ma jiġix*

*permess jintavola proċeduri qabel dawn l-ispejjeż jiġu saldati. L-intenzjoni ta' dan l-artikoli hija evidenti; illi <u>ħadd ma jkun jista' jabbuża mill-proċess ġudizzjarju billi jiggwadanja mill-intavolar ta' att ġudizzjarju ġdid, meta l-ispejjeż ġudizzjarji ta' proċeduri preċedenti huwa jkun ma ħallashomx.</u> Finalment, dak li qiegħed umilment jitlob l-esponenti huwa li din l-Onorabbli Qorti tkun ta' tarka għalih, u SP ma titħalliex tabbużah għal darb'oħra, hekk kif għamlet tul iż-żwieġ, din id-darba iżda, bl-abbuż tal-għodda tal-liġi!*

6. *Mill-bqija, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jaqbel li l-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien sa mid-9 ta' Novembru 2013, u li ż-żwieġ tkisser irremedjabbilment.*

*L-ispejjeż għandu ikunu kontra r-rikorrenti.*

*Dan ir-rikors qiegħed jiġi konfermat bil-ġurament tal-esponenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

RM xehed permezz t'affidavit a fol 21 *et seqq* u a fol 29 *et seqq* illi l-partijiet kienu izzewwgu fit-30 ta' Gunju 2012, u dan wara illi huwa kien hallas somma ekwivalenti ghal circa ta' €Y bhala dota lill-genituri tal-intimata, peress illi l-hlas ta' dota lill-genituri tal-gharusa ghada uzanza kulturali vigenti fit-T. Xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u huwa kellu jintavola proceduri ta' separazzjoni kontra r-rikorrenti ghal numru ta' ragunijiet, inkluz illi hija abbandunat id-dar matrimonjali u telqet lura t-T. Xehed illi din il-kawza kienet gie deciza fil-25 ta' Frar 2016, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u minnha ma gie intavolat l-ebda appell. Xehed illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.

**SP** xehdet a fol 26 illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Gunju 2012 f'Malta. Spjegat illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien tfarrak irrimedjabbilment u ghalhekk hija kienet telqet minn Malta fl-2013. Xehdet illi eventwalment saret taf illi l-intimat kien intavola proceduri ta' separazzjoni kontra taghha, li kienu gew decizi fil-25 ta' Frar 2016. Qalet illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2012, (Vide Dok. B, a fol 5), u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

Gie stabbilit di piu' illi l-partijiet effettwaw is-separazzjoni taghhom fid-9 ta' Novembru 2013, permezz ta' sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, moghtija mill-Onor. Imhallef Robert G. Mangion (Vide Dok C, a fol 6 et seqq.)

Il-Qorti tqis pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat pero illi din it-talba ghall-divorzju hija kkontestata mil-intimat, a bazi ta' pendenzi finanzjarji bejn il-partijiet. L-intimat qed jopponi ghal dan id-divorzju ghaliex, skont hu, huwa dovut is-somma ta' €Y bhala rimbors ta' dik il-parti mis-somma dotali mhallsa minnu li ma ntuzatx ghat-tieg, jew fiz-zwieg tal-partijiet, u wkoll is-somma ta' €W rapprezentanti l-ispejjez tal-proceduri ta' separazzjoni illi din il-Qorti diversament presjeduta kienet ordnat li jithallsu kollha minn P izda kien l-intimat li hallas l-ispejjes tal-kuraturi. L-intimat jargumenta illi ghalhekk dan id-divorzju ma jistghax jinghata, peress illi l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili huwa ntiz sabiex jigi assigurat illi qabel ma jinghata d-divorzju ma jkunx hemm kwistjonijiet pendenti finanzjarji bejn il-partijiet, u ghaliex huwa l-ispirtu tal-Artikolu 907 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi persuna ma tigix permessa tintavola proceduri ohrajn qabel ma jigu saldati l-ispejjez ghal proceduri precedentement intavolati minnha.

Fir-rigward tar-referenza maghmula mill-intimat ghall-Artikolu 907 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghraf illi dan l-artikolu jirreferi ghal sitwazzjonijiet fejn xi hadd mill-partijiet ikun irrinunzja ghal-att illi tkun pprezentat. F'dan il-kaz, ma jidhirx li xi hadd mill-partijiet kien irrinunzja ghall-atti fil-kawza ta' separazzjoni, u ghalhekk huwa car illi dan l-Artikolu citat mill-intimat m'huwiex applikabbli ghall-partijiet. Illi barra minn hekk, dan l-artikolu jaghmilha cara illi l-parti m'hijiex prekluza milli tiftah kwalunkwe kawza ohra qabel ma thallas l-ispejjez gudizzjarji relatati mal-kawza li fiha saret ir-rinunzja. Din il-projbizzjoni tapplika biss, kif jipprovdi *expressis* l-Artikolu citat mill-intimat ghal "***kawza ohra <u>fuq l-istess haga</u>***" u f'dan il-kaz, il-proceduri miftuha mir-rikorrenti m'humiex ghall-istess haga, peress illi huwa ovju li s-separazzjoni u d-divorzju huwa zewg istituti legali distinti li jwasslu ghal

konsegwenzi differenti. Ghalhekk m'huwiex fondat l-argument tal-intimat illi l-ispirtu tal-Artikolu 907 (2) huwa li persuna li ma tkunx hallset l-ispejjez ta' proceduri precedent, tigi projbita milli tiftah kwalunwke kawza sakemm ma jithallsux dawn l-ispejjez. L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hija limitata ghal sitwazzjoni bejn (1) parti tkun irrinunzjat ghall-atti u (2) il-kawza ohra li tkun trid tiftah hija fuq l-istess haga. Huwa car illi dan l-artikolu m'ghandux il-portata generali li qed jipprovdi jalludi ghaliha l-intimat u ghaldaqstant qed jigi michud.

Fir-rigward tas-somom lamentat mil-intimat, il-Qorti taghmel referenza ghal-Artikolu 66B, is-subinciz (c) tal-Kodici Civili, li jistipula li jinghata d-divorzju kemm il-darba:

> ***"il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57"***

L-intimat jargumenta illi l-ispitru ta' dan l-Artikolu huwa fis-sens li l-mizzewgin ghandhom jissaldaw kull pendenzi finanzjarji bejniethom qabel ma jinghata d-divorzju. Il-Qorti tqis pero illi l-argument tal-intimat ma jregix. Ma jidhirx li huwa minnu li l-ispirtu ta' dan l-artikolu huwa li ghandhom jithallsu l-pendenzi finanzjarji bejn il-mizzewwgin qabel ma jinghata d-divorzju. Il-legislatur espressament illimita ruhhu u jipprovdi illi d-divorzju ma jinghatax jekk il-pendenzi finanzjarji ta' bejn il-partijiet ikunu jirrigwardaw **manteniment mhux imhallas**, u mhux kwalunkwe pendenzi ta' natura finanzjarja ohrajn. Huwa principju ben risaput illi *ubi lex voluit dixit,* u l-Qorti ma tistghax tuzurpa l-funzjoni tal-Legislatur billi taghti interpretazzjoni tal-ligi li hi ferm aktar wiesgha u l-boghod minn dak li pprovda espressament il-Legislatur, il-ghaliex altrimenti tkun qed hi li qed tillegisla. Il-funzjoni tal-Qorti hija dik li tinterpreta u tapplika l-ligi promulgata mill-Parlament, u f'dan il-kaz il-ligi espressament tipprovdi illi d-divorzju ma jinghatax biss, jekk, *inter alia,* ikun hemm pendenzi relatati ma' **manteniment** bejn il-partijiet u t-tfal. F'dan il-kaz m'hemmx tali pendenzi, ghaliex il-partijiet ma gew ordnati jhallsu ebda manteniment lil xulxin, u miz-zwieg ma twieldux tfal.

L-ispejjez gudizzjarji relatati mal-proceduri ta' separazzjoni huma dejn civili, u bl-ebda mod m'huma ekwiparabbli ma' manteniment ai termini tal-Artikolu 66B. Fir-rigward tal-bilanc tas-somma dotali mhallsa mill-intimat, il-Qorti tirrileva illi f'dan ir-rigward lanqas biss tezisti sentenza *res judicata* fuq l-ammont reklamat mir-rikorrent, u fi kwalunwke kaz, dan ukoll ikun jammonta ghal dejn civili, li m'huwiex ekwiparabbli ma' manteniment ai termini tal-Artikolu 66B. Ghalhekk il-Qorti tqis li huwa car illi l-intimat ma jistghax joggezzjoni ghall-dan id-

divorzju billi jinvoka l-Artikolu 66B (c) tal-Kodici Civili.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjonijiet tal-intimat huma kollha nfondati, u r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**